**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Settembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**vs**

**Francis Bowell**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Francis Bowell ta' 45 sena, iben Joseph u Carmen nee' Penza, mwieled San Giljan nhar il-21 ta' Frar 1977, residenti 22A, Triq is-Sardinella, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' 123277M

Akkuzat talli:

1. Nhar l-14 ta' Jannar 2022 ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu (00:45hrs) gewwa Triq Tumas Fenech, Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer volontarjament ta' n-nar lill-vettura tal-ghamla Isuzu Elf bin-numru ta' registrazzjoni GBX796 waqt illi ma kien hemm l-ebda persuna gewwa u filwaqt illi n-nar kien qieghed b'mod li ma jistax iqabbad hruq f'bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa ghad-detriment ta' John Paul Grima minn Birkirkara u/jew persuni ohra u/jew entitatijiet ohra u liema nar ikkaguna hsara fil-vettura CBZ836 tal-ghamla Toyota ghad-detriment ta' Michael Borg u jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

Il- Qorti giet mitluba li f' kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu jew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, hekk kif mahsub f' Artikolu 533 *et sequitor* tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza cioe' John Paul Grima mill-Msida jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tas-27 t' April 2022, l-imputat irregistrat ammissjoni ghal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghal din l-imputazzjoni hija ta' erba (4) snin prigunerija u issospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu ghal imputazzjoni, l-imputat wiegeb li qed jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet ix-xhieda u rat ir-rapport tal-ufficjal tal-probation Maria Mifsud tal tas-27 ta' Gunju 2022.

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

9. Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u rregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u b'hekk ma heliex il-hin tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti.

10. Mill-fedina penali tieghu jirrizulta li huwa ghandu sitt (6) kundanni minn dawn il-Qrati relatati ma' ksur tal-ligijiet tas-sewqan, kif ukoll kundanna talli zamm annimali u li gaghalhom isofru.

11. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation ma jirrizultax li l-imputat ghandu problema ta' vizzji.

12. Mill-atti u mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat irrifonda lill-vittma John Paul Grima tad-danni li sofra, u fil-fatt fis-seduta tas-27 t'April 2022 Grima xehed li hu u l-imputat issettiljaw il-kwistjonijiet ta' bejniethom, u li jahfirlu tal-agir tieghu.

13. Pero mill-atti jirrizulta li l-imputat ma rrifondiex lill-vittma Michael Borg id-danni li sofra. Mix-xhieda tieghu u mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li ghalkemm Michael Borg thallas mis-socjeta tal-assigurazzjoni ghad-danni kagunati fil-vettura

tieghu, huwa ma thallasx ghad-danni li sofra biex hallas l-excess fuq il-polza tal-assigurazzjoni u biex hallas ghall-kiri ta' karozza li kellu jikri.

14. L-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet ir-rapport taghha hekk:

*"**Pjan ta' Kura***

- *Ikompli jirsisti fl-impjieg tieghu.*
- *Huwa u martu jattendu sessjonijiet ta' terapija tal-familja sabiex ikomplu jahdmu fuq id-dinamika tal-familja.*

***Rakkomandazzjoni***

*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, jirrizulta li l-imputat qed jghix hajja stabbli kif ukoll anke meta tqis il-mertu tal-kaz u x'wassal, qed jigi umilment issuggerit li Francis Bowell jinghata sentenza sospiza skont l-Artikolu 28A"*

15. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti taqbel mar-rakkomdazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation, pero tqis ukoll li l-vittma Michael Borg ghandu jigi rizarcit il-kumplament tad-danni li sofra kawza tal-agir tal-imputat.

**Konkluzjoni**

16. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Wara li rat l-Artikolu 518 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta'  hames mija u hamsa u hamsin Euro (€555.00) lill-parti offiza Michael Borg fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti l-bilanc tad-danni minnu sofferti kawza tal-agir tal-hati.

3. Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

4. Ai termini tal-Artikolu 383A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' John Paul Grima. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

5. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**